TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 271/12/GB

**Rita Marie u Ian Azzopardi**

**vs**

**SMS Mondial – Orange Travel Group**

Illum 26 ta' Gunju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-19 ta' Ottubru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu l-hlas ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti danni morali li huma soffrew waqt li kienu fuq 'tour' gewwa t-Toscana, liema 'tour' huma bbukjaw minghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw 'tour' minghand is-socjeta' ntimata ghat-Toscana. L-ewwel lejl tal-gita taghhom, kellhom jorqdu f'lukanda ohra mhux mal-grupp, ghaliex il-lukanda 4 star li kellhom ibbukkjata kienet 'overbooked'. Ir-rikorrenti kienu saru jafu b'dan "there and then" u ghalkemm kienu offruti lukanda ohra kklasifikata 5 star, din ma kienet 5 star xejn, b'sadid fil-kamra tal-banju.

Ir-rikorrenti hallsu elf u erbgha mitt Ewro (€1400.00) in toto u ppretendew mill-inqas lejl b'xejn. Ghalhekk qed jitolbu li jithallsu l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) bhala danni morali.

Ir-rikorrenti ezebew dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Rigwardanti l-ewwel lejl, dan it-tibdil fl-ahhar mument ma kienx fil-kontroll tas-socjeta' ntimata. Sfortunatament, ghal lejl wiehed biss, il-lukanda kienet 'overbooked' u din kienet l-unika soluzzjoni. Kien hemm klijenti ohrajn illi, mhux talli ghogbithom hafna l-lukanda, pero' xtaqu jibqghu hemm ghat-'tour' kollu. Ovvjament dan ma kienx possibli, pero' tinstema piuttost stramba illi r-rikorrenti lmentaw fuqha.

Is-socjeta' ntimata ma taqbilx mat-talba u l-ilment tar-rikorrenti illi lejl wiehed gewwa lukanda 5 star ikkawzalhom din it-tip ta' inkonvenjenza.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew dokument li gie mmarkat bhala Dok.RM1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tan-nuqqas ta' provi tad-danni morali allegatament soffruti mir-rikorrenti, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**